# Malta u lil hinn minnha ...
# Sirakuża, il-Madonna tad-Dmugħ u l-Banda Nicolò Isouard



kitba ta' **Louis VASSALLO**

**In-nisġa** ta' l-istorja ta' ġensna turina kif din artna sa mill-ibgħat żminijiet dejjem sabet ruħha fl-istess keffa ta' Sqallija. Dak li għaddew minnu missirijietna, ġarrbuh ukoll sħabna l-Isqallin. Ir-Rumani, il-Biżantini, l-Għarab, l-Anġevini, l-Aragoniżi u l-Kastiljani lkoll ħakmu fuq Sqallija u Malta. Meta n-Normanni ħelsuna minn taħt idejn l-Għarab, ħelsu wkoll lill-Isqallin. Malta kellha ħafna kuntatti mar-renju *"Delle Due Sicilie"* li kellu t-tron tiegħu f'Napli. Anke l-Isqof tagħna kien Sqalli. Barra minnhekk, sal-1819 kull ordni reliġjuż li kien hawn Malta, kien għadu jiddependi mis-Superjuri Maġġuri fi Sqallija. Is-sistema fewdali, bħala s-sies tar-rabtiet politiċi u soċjali tagħna ħadnihom mill-kultura tagħhom. Il-kummerċ bejn iż-żewġ gżejjer ġirien kien qawwi. B'danakollu missirijietna baqgħu jżommu sħiħ l-karatteristiċi distintivi tagħhom li kienu jagħtuhom identità differenti mill-bqija.

## Popli Differenti

Iż-żmien għadda u gerbeb u karkar miegħu sekli sħaħ. Għalkemm bdejna millenju ġdid, ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ popli mediterranji għadhom b'saħħithom ħafna. Il-vjaġġi regolari bl-ajru jew bil-katamaran bejn iż-żewġ gżejjer, għamluha aktar faċli biex wieħed jaqsam is-sittin mil li hemm jifirduna! Bħal biċċa l-kbira tal-Maltin, l-Isqallin iħaddnu r-reliġjon kattolika u għalhekk ma jistax jonqos li jorganizzaw bosta festi reliġjużi u folkloristiċi matul is-sena kollha. Ħafna huma l-Maltin u l-Għawdxin li żaru l-festa ta' Sant'Agata li ssir fil-belt ta' Katanja. Il-*"Fiera dei Morti"* li tiġi organizzata fil-bidu ta' Novembru, tiġbed lejha numru sabiħ ta' Maltin.




*Lejlet il-festa, l-istatwa żgħira iżda antika tal-Madonna ta' Liesse tittella' fuq lanċa biex tiġi mdawra mal-Port il-Kbir. Nhar is-Sibt 8 ta' Ġunju, is-sajjieda numerużi Sqallin taw il-merħba tagħhom, hekk kif il-Madonna tal-Ferħ kienet qiegħda tbierek il-baħar. (ritratt: Louis Vassallo)*

Kull meta jkun baħar qawwi, xi sajjieda Sqallin jiddeċiedu li jsorġu l-laneċ tagħhom mal-mollijiet ta' ħdejn il-Pixkerija, fix-xatt tal-Belt Valletta. Mhux l-ewwel darba li dawn is-sajjieda ħadu sehem fil-festa tal-Madonna ta' Liesse, li tiġi ċċelebrata f'dik il-knisja ħelwa u sabiħa li tinsab qrib tad-Dwana fil-Port il-Kbir. L-istorja, l-arti barokka, il-festi, l-ikel bnin, il-kummerċ u t-turiżmu huma ingredjenti essenzjali biex bqajna nżommu r-rabta ta' bejnietna fi spirtu ta' ħbiberija sal-lum.



*Għadd ta' laneċ Sqallin sorġuti max-xatt tal-Belt, bejn il-Pixkerija u d-Dwana, propju lejlet il-festa tal-Madonna ta' Liesse, nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju 2002. (ritratt: Louis Vassallo)*

## Ġrajjiet u Kurżità

Hu fil-ħsieb tiegħi li f'dan l-artiklu naqsam magħkom xi tagħrif dwar il-lokalità partikolari ta' Sirakuża, li tinsab fin-naħa tax-xlokk tal-kosta ta' Sqallija. Ma' din il-belt antika, imwaqqfa mill-Griegi madwar is-sena 734 Q.K. hemm imwaħħdin ġrajjiet, fatti u kurżitajiet interessanti li jolqtu partikolarment lilna l-Mostin!

Taħt it-tmexxija ta' Hiero I, il-belt ta' Sirakuża kibret



*Il-pullman li wasslet il-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta u l-mistiedna tagħha tul il-mawra fi Sqallija, 45 sena ilu.*

qatigħ u żviluppat ruħha f'ċentru kulturali mill-aqwa. Wara tlett snin ta' assedju, ir-Rumani ħatfu din il-belt fis-sena 212 Q.K. Il-matematiku magħruf Arkimidju, għen bis-sħiħ matul dan l-assedju permezz ta' tattiċi difensivi li ħoloq għal sħabu s-suldati Griegi. Illum binjiet il-Griegi għadhom jiġbdu eluf ta' turisti lejn din il-belt mibnija madwar port pittoresk. L-industrija tas-sajd hija l-ħobża ta' kuljum għal bosta familji. Sirakuża hija magħrufa għall-esportazzjoni tal-melħ u ta' l-inbejjed ta' kwalità ġenwina.

Dan l-aħħar, fuq stazzjon televiżiv Taljan dehret intervista ma' komunità ta' patrijiet Franġiskani li għandhom il-kunvent tagħhom f'Sirakuża. Il-patrijiet ippreparaw mejda fornuta b'għażla sħiħa ta' għaġin u ikel ieħor tradizzjonali. Xi wħud minnhom iffurmaw grupp pop u fost oħrajn daqqew u kantaw kanzunetti ta' Zucchero u Jovanotti!

## Il-Madonna tad-Dmugħ

Ħafna huma l-Maltin u l-Għawdxin li semgħu bil-Madonna tad-Dmugħ ta' Sirakuża. L-istorja ta' dan il-misteru tmur lura għall-1953, fid-dar ta' koppja li kienet toqgħod f'*Via Degli Orti*. Minn għajnejn kwadru taċ-ċeramika bix-xbiha tal-Qalb Immakulata ta' Marija



*It-tinda taż-żingu armata f'nofs misraħ. Fiha kien hemm espost il-kwadru tal-Madonna tad-Dmugħ. Din it-tinda serviet bħala knisja temporanja biex tilqa' l-eluf ta' pellegrini. Illum, fl-istess post inbena santwarju mill-isbaħ.*

mwaħħal mal-ħajt tal-kamra tas-sodda, beda jċarċar qtar ta' dmugħ. Dan il-fenomenu seħħ bejn id-29 t'Awwissu u l-01 ta' Settembru. Is-sinjura Antonina Iannuso kienet tinsab fi kriżi ta' saħħa, konsegwenza tat-tqala tagħha.

Kien is-sibt fit-8.30 ta' fil-għodu, meta din il-mara rat dan il-miraklu minn fuq is-sodda tagħha. L-Arċisqof tal-post, Mons. Ettore Baranzini, ġie mgħarraf b'dan il-fatt straordinarju u telaq minnufih għand din il-familja. L-Arċisqof ordna kummissjoni ta' tobba u analisti biex jeżaminaw dan id-dmugħ misterjuż. Ir-riżultati kkonkludew li kien dmugħ uman. B'ordni tal-Kurja, ix-xbiha tal-Madonna nġabet f'post għall-qima tad-devoti li bdew jersqu jitolbu quddiemha mhux biss fi Sqallija, imma wkoll mill-Italja u l-pajjiżi tal-madwar. Illum, ir-relikwija tad-Dmugħ tal-Madonna tinsab meqjuma f'Santwarju grandjuż li kien ġie kkonsagrat mill-Papa Ġwanni Pawlu II.

## Messaġġ ta' Tama

F'Sirakuża, il-Madonna ma tkellmitx bi lsienha bħalma għamlet f'Lourdes u f'Fatima. Omm il-Feddej tat il-messaġġ tagħha lid-dinja permezz tad-Dmugħ. Il-Papa Piju XII waqt xandira minn fuq ir-radju nhar is-7 t'Ottubru 1954 kien qal: "Imma l-bnedmin jaslu biex jifhmu l-lingwaġġ ta' dak id-dmugħ?" Santu Wistin jgħid: "id-dmugħ għandu lsienu". Id-dmugħ jikxef l-emozzjonijiet li hemm moħbija fil-qalb. Il-Madonna bkiet b'qalb muġugħa għad-diżordni familjari, soċjali u individwali ta' wliedha li qegħdin jaħarbu t-tagħlim ta' Ġesù. Id-dmugħ tal-Verġni Marija jurina t-tama f'ġejjieni aħjar lil dawk li, għaliex ta' fidi dgħajfa, jinsabu jgħumu f'baħar ta' qtigħ il-qalb u disperazzjoni.

## Qasmet il-Baħar

Fis-sena tal-Ġublew il-Kbir, ir-relikwija tal-Madonna tad-Dmugħ, qasmet il-baħar u waslet fil-gżira ta' Għawdex. Il-miġja u l-waqfa ta' din ix-xbiha mirakoluża fil-gżira tat-tliet għoljiet ġiet organizzata mill-Kapitlu tal-Bażilika tax-Xagħra bħala parti mill-festi tat-titular f'ġieħ Marija Bambina. Nhar it-8 ta' Settembru tas-sena 2000, il-Madonna tad-Dmugħ ta' Sirakuża għaddiet il-messaġġ tagħha lill-poplu Malti u Għawdxi. J'Alla "din l-Omm li tatna isimha" tisma' u tifhem l-istedina ta' Marija



*Ir-replika tax-xbiha tal-Madonna meqjuma fil-belt ta' Sirakuża li kien xtara missieri bħala tifkira u att ta' fidi. Dan il-bust tal-ġibs, għadu sal-lum imwaħħal mal-ħajt fil-kċina tad-dar ta' missieri u ommi.* *(ritratt: Louis Vassallo)*

Santissima biex id-dinja nisranija ta' llum terġa' tersaq lejn it-triq tal-Vanġelu. Kienet okkażjoni tajba għalina l-fidili, ulied Missierna San Pawl, biex insibu mument ta' ġabra u hekk inqattgħu ftit ħin nitkellmu ma' Binha Ġesù.

## 'Star of Malta'

Din is-sena jaħbat il-45 anniversarju minn meta l-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta ħalliet ix-xtut ta' Malta għal ġita fi Sqallija. Is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard kienet ġiet mistiedna mill-awtoritajiet ta' Sirakuża biex tagħti programm mużikali f'din il-belt. Il-bandisti, imsieħba minn bosta ħbieb u sostenituri, salpaw fuq il-vapur '*Star of Malta*' nhar it-12 ta' Settembru 1958. Din iż-żjara damet tlett ijiem u b'memorja ta' din il-mawra, is-Soċjetà ġiet rregalata b'bandalora ta' tifkira mis-Sindku ta' Sirakuża. Fil-fatt il-Banda, immexxija mill-Mro. Anthony Sammut u mill-President ta' dak iż-żmien. is-sur Ġużè Cauchi, kienet mistiedna għal-laqgħa ta' kortesija ma' l-awtoritajiet ta' din il-belt. Ta' min wieħed ikun jaf, li l-Banda kienet iffurmata minn bandisti rġiel biss. Kien fis-sena 1968, meta s-Soċjetà Nicolò Isouard inħallet minn tradizzjoni antika u sieħbet għall-ewwel darba fl-istorja tagħha bandisti tas-sess femminili!

Barra minn dan, l-eks Surmast tal-Banda Nicolò Isouard, Anthony Sammut, kellu x-xorti li jesegwixxi b'suċċess diversi programmi mużikali f'Villa Bellini f'Katanja, u fi *Bianca Villa* ġewwa Sirakuża, meta mexxa kunċerti mal-Baned La Stella tar-Rabat, Għawdex, Imperial tal-Mellieħa u San Piju X ta' Ħal Lija. F'ittra tal-25 ta' Lulju 1949, is-surmast kompożitur Giovanni Pennachio ta' Katanja kien kiteb kliem ta' tifħir fuq is-suċċess kbir li s-surmast Sammut kien kiseb f'kunċert imtella' mill-Banda Imperial f'*Villa Bellini*, taħt id-direzzjoni tiegħu u faħħar ħafna t-teknika speċjali li kellu.



*Is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard waqt iż-żjara tagħha ġewwa Sirakuża. Mix-xellug, fuq quddiem jidher il-President tal-Banda Mostija ta' dak iż-żmien, is-sur Ġużè Cauchi, iżomm bukkett fjuri, biswitu hemm is-Sindku ta' Sirakuża ta' dak iż-żmien u s-Surmast Anthony Sammut li qed iżomm il-bandalora ta' tifkira.*

## Maltempata Kerha

Mal-wasla tagħhom fil-port ta' Sirakuża, il-bandisti, diriġenti u ħbieb ġew meħuda bil-pullman għal skola ta' l-istat, fejn hemm kienu alloġġjati tul iż-żjara tagħhom. Huma kienu jiġu servuti b'ikel tajjeb li kien jiġi ppreparat u mqassam mill-istaff ta' l-istess skola, inkluż is-Surmast innifsu! Kollox kien imħejji b'ċertu serjetà għall-mument mistenni meta l-Banda Mostija kellha ddoqq quddiem il-pubbliku ta' Sirakuża. Kif kien miftiehem minn qabel, il-Banda ta' din il-belt fetħet il-programm b'marċi ferrieħa u siltiet operistiċi. Imma x-xitan m'għandux ħalib u ra kif għamel u deffes denbu! F'ħin bla waqt għamlet ħalba xita qawwija li sfrattat il-kumplament tas-serata! Li kieku ma kienx għat-temp ħażin li għamel dakinhar, żgur li din iż-żjara kienet tirnexxi mija fil-mija. Din il-maltempata tassew kerha kienet laħqet ukoll lil Malta fejn diżgrazzjatament kienet ħalliet tnejn min-nies mejta. Il-kumitat tal-Banda Nicolò Isouard kien ħa deċiżjoni għaqlija li l-programm li kien ġie ppreparat b'tant ħeġġa u li kellu jitħassar kawża tal-maltemp, jiġi mtella' fil-Pjazza tal-Mosta. Barra minnhekk, il-programm kien ġie rrekordjat u kopja tiegħu ntbagħtet lill-Kunsill Lokali ta' Sirakuża. Verament ġest mill-isbaħ!

## Tinda taż-Żingu

Mhux l-ewwel darba li smajt lil missieri Joe, jirrakkonta fuq din il-mawra. Missieri għamel żmien mhux ħażin idoqq il-platti mal-Banda Nicolò Isouard. Fil-fatt, hu kien wieħed mill-grupp ta' bandisti li marru Sqallija fl-1958. Il-vjaġġ lejn Sirakuża kien wieħed tal-biża' u bosta min-nies abbord ġew effetwati mhux ftit bil-mewġ qalil li sabu ma' wiċċhom. Fuq il-vapur kien hemm ukoll tim tal-futbol mill-Ħamrun, li kien ġie mistieden biex jilgħab kontra timijiet Sqallin. Missieri



***Għadd ta' bandisti u ħbieb 'mejtin' għal belgħa kafè tajba! Fil-fatt huma jidhru jistennew fil-parapett ta' Caffè tipiku Sqalli. Bis-sabar kollu jittamaw li jasal is-sid u jservihom mill-aktar fis!***

għadu jiftakar sewwa meta hu u sħabu żaru l-kwadru tal-Madonna tad-Dmugħ. Dak iż-żmien in-nies ta' Sirakuża kienu bnew tinda taż-żingu bħala tempju temporanju madwar id-dar fqajra tal-koppja Iannuso. Għal numru ta' snin, din it-tinda laqgħet b'għożża kbira l-wiċċ flimkien mal-qalb ta' Marija u lill-eluf ta' pellegrini u turisti. Kienu laħqu għaddew erba' snin biss minn fuq il-miraklu tad-dmugħ, meta l-bandisti Mostin kienu żaru lil din ix-xbiha b'tant devozzjoni u fidi! L-għaks kien jidher sew fost in-nies ta' Sirakuża. Kien għadhom imċaħħdin minn bosta bżonnijiet essenzjali għall-ħajja ta' kuljum. Dakinhar, missieri kien baqa' mistagħġeb meta lemaħ bosta persuni jaħdmu fil-jum tal-Ħadd! Matul il-mawra tagħhom, qabżu qabża sa Katanja. Hemmhekk qattgħu ġurnata ta' mistrieħ iduru fi knejjes, ġonna u fis-suq popolari tal-belt. Il-ġita ġiet fi tmiemha nhar il-15 ta' Settembru. Għall-grazzja t'Alla, il-vjaġġ lura lejn Malta kien wieħed trankwill. Fuq il-vapur '*Star of Malta*' inzerta li kien hemm saċerdot, li qaddes quddiesa għall-benefiċċju ta' kulmin kien abbord il-vapur.




***Din il-kartolina toffrilna kwadrett nostalġiku mill-imgħoddi, bid-dehra tal-Port il-Kbir hekk kif jintlemaħ mill-Barrakka ta' Fuq. Bi dritt il-Knisja ta' Liesse jidher il-vapurett 'Star of Malta'. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija dan il-vapurett kien imħaddem mill-'Coast Guard' Amerikana għad-difiża tal-kosta. Kien fl-1952 li nġieb f'pajjiżna biex ikun ta' servizz bejn Malta u Sqallija. 45 sena ilu, il-Banda Nicolò Isouard salpat lejn Sirakuża propju fuq dan il-vapurett.***
***(bil-kortesija ta' Anthony Vella).***



***Dawn il-ħames bandisti Mostin jidhru fi Giardino Bellini meta żaru l-belt ta' Katanja għal jum ta' mistrieħ. Mix-xellug: il-mibki*** *Anġlu Sant* ***(li jiġi n-nannu ta' sieħbi Joe Debono),*** *Frans Attard* ***(ħu l-mibki Lorry Attard),*** *Joe Vassallo* ***(missieri),*** *Alfred Agius* ***(magħruf bil-laqam "Tal-Biġilla" u li kellu ħanut tal-merċa), u l-mibki*** *Lorry Attard* ***(magħruf bħala "Id-Dixx" u li ħalla dan il-wied ta' dmugħ f'Awwissu 2002).***

## Għadu Jeżisti?

Wara snin twal ta' ħidma bejn Malta u Sqallija, il-vapur '*Star of Malta*' kien ġie skrappjat. It-tinda taż-żingu ġiet żarmata u minflokha nbena tempju mill-isbaħ. Il-kwadru tal-Madonna tad-Dmugħ għadu jiġbed lejh eluf ta' devoti minn madwar id-dinja. Bil-mod il-mod, il-progress resaq ukoll fuq din il-belt Siċiljana. Illum, il-port ta' Sirakuża m'għadux iżjed jilqa' Maltin fi ħdanu, għajr għall-merkanzija li tasal hemm bil-vapuri tas-*Sea Malta*. Sħabu l-portijiet ta' Katanja u Pozzallo ħadulu l-missjoni li darba kellu! Il-bandalora ċkejkna bl-arma ta' Sirakuża tinsab merfugħa b'għożża fil-Każin Nicolò Isouard u għadha tfakkar ġrajjietha. Ir-replika tax-xbiha tal-Madonna meqjuma fis-santwarju għażiż li kien xtara missieri bħala tifkira, għadha mwaħħla mal-ħajt fil-kċina tad-dar tagħna. Ir-ritratti bojod u suwed għadhom merfugħin fl-album tas-Soċjetà. Fihom infushom huma dokumentazzjoni ħajja ta' dak li seħħ 45 sena ilu. Anke missieri għad għandu xi ritratti li jfakkruh fl-unika safra tiegħu barra minn pajjiżu! Imma r-rikording li kien intbagħat lill-awtoritajiet ta' Sirakuża għadu jeżisti? Tgħid dan it-tejp għadu merfugħ b'għożża minn sħabna l-Isqallin? Min jaf!!

*Referenzi:*


a) *Lawrence Mizzi u Oħrajn, **META KELLMITNA MARIJA**, p. 95, 97, 99, 100, 108.*
b) *Herbert Ganado, **RAJT MALTA TINBIDEL** Vol.1, p. 99, 100.*
c) *E.B. Vella u Oħrajn, **STORJA TAL-MOSTA**, p. 375, 377.*
d) *Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta - **Programm tal-Festa 1992**, p. 57.*
e) ***The World Book Encyclopedia**, Vol. 18 (so-sz), p. 853.*
f) ***'Leħen is-Sewwa'**, is-Sibt, 9 ta' Settembru 2000, p. 10.*
g) *Nirringrazzja lil missieri **Joe Vassallo**, tat-tagħrif utli li għoġbu jgħaddili u ta' l-interess tiegħu biex dak li qalli, ikun ġenwin skond l-esperjenza li hu ġarrab 45 sena ilu.*
h) *Inrodd ħajr lill-mibki iżda qatt minsi, **Lorry Attard**, talli kkonferma dak kollu li stqarrli missieri, meta ġedditlu l-memorji waqt il-ġita storika taż-żewġ Baned Mostin fl-Isvizzera bejn it-28 ta' Novembru u t-2 ta' Diċembru 2001.*
i) *Grazzi mill-qalb tmur lejn sieħbi **Anthony Vella** mill-Isla għat-tagħrif u l-kartolina dwar il-vapurett 'Star of Malta' li għoġbu jgħaddihom lili biex dan l-artiklu jisbieħ u jissaħħaħ fil-binja tiegħu.*